MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Numru 275/2002

Illum 5 ta' Lulju 2004

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)

vs

Clifton Portelli

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Clifton Portelli bin David u Mary nee' Tanti imwieled Pieta u joqghod B'Kara, titolari ta' karta ta' identita' numru 520383(m), akkuzat
talli:

1. f'H'Attard fit-30 ta' Dicembru 2001 ghal habta ta' 16:00 waqt li fil-pussess kellu ''air pistol'' tal-ghamla ''Baikal'', b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, kkaguna feriti ta' natura gravi per durata minghajr il-konsegwenzi imsemmija fl-Artikolu 218 fuq il-persuna ta' Robert Hudson minn B'Kara skond ma ccertifika Dr. Farrugia minn S.L.H;

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn inter alia gie verbalizzat is-segwenti:
….'F'dan l-istadju l-Prosekuzzjoni tirrileva illi hija tixtieq taghmel korrezzjoni fl-akkuza fis-sens illi l-akkuza involontarja tigi sostitwita b'akkuza ta' natura volontarja u cioe'-

**talli fl-istess gurnata, hin u lok tat-30 ta' Dicembru 2001 ghal habta tal-4.00 p.m. volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Robert Hudson''.**

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuza, kif emendata, tiprospetta l-Artikolu 214 tal-Kap 9 li jipprovdi li ''kull min, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew igibilha disordni f'mohhha, ikun hati ta' offiza fuq il-persuna''.

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghall-akkuza sehhew fil-gurnata, hin u lok imsemmija fl-akkuza fil-waqt li l-imputat kien ma' xi guvintur ohra. Jirrisulta li l-imputat kellu 'air pistol' u f'hin minnhom u waqt li kienet ghand l-imputat din hadet u laqtet lil Robert Hudson f'ghajnejh ix-xellugija. Ir-riskontru

kien li ta’ l-ahhar garrab ferita hafifa fuq dik l-ghajn u sofra wkoll, kif jistqarr hu, nuqqas fil-vista minn dik l-ghajn.

Illi fil-kors tad-deposizzjoni tal-parti leza l-Qorti setghet tinnota l-entita’ tal-ferita mill-lat esterjuri taghha u setghet tikkonstata li l-marka hi wahda hafifa hafna u kemm kemm visibbli. Dana mill-aspett esterjuri ghaliex mill-aspett jekk il-ferita taqax taht l-Artikolu 218 tac-citat Kap il-Qorti setghet biss tistrieh fuq d-deposizzjoni tat-tabib Pierre Farrugia li stqarr li meta ezamina lill-parti leza fil-gurnata stess li fih safa korrut kien osserva:
- li konsegwenza tal-ferita l-vizwali kienet limitata immens, jghid, mhux aktar minn ghoxrin centimetru u anki sa din id-distanza l-viswali tieghu kienet sfukata;
- li ezamina l-‘x-rays’ u kkonstata li l-balla ma kinitx sedimentata fl-ghajn;
- li relattivament ghal dan osserva li hu fattur rilevanti hafna l-fatt li dak il-hin il-pressjoni ta’ l-ghajn kienet tajba hafna u perforazzjoni ma kienx hemm. Kuntrarjament u li kieku l-pressjoni kienet gholja l-konsegwenza setghet tkun t-telf tal-ghajn.
- Li kklassifika l-ferita bhala wahda gravi kemm per natura u kemm per durata;

Illi anka d-difiza stess, kif verbalizzat minnha, tammetti li l-ferita hi ta’ natura gravi u ghalhekk hi kwistjoni jekk ghandhiex tigi kklasifikata bhala gravi a bazi tal-Artikolu 216 jew 218 tal-Kap 9. Hawnhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-gravita issib l-allokazzjoni taghha fl-ewwel mill-artikoli citati.

Illi dwar jekk il-ferita ghandhiex titqies volontarja, il-Qorti, fuq l-iskorta tax-xhieda fl-assiem taghha, hi aktar propensa sabiex taccettha bhala involontarja a bazi ta’ l-Artikolu 226 tac-citat Kap minghajr il-konsegwenzi imsemmija fl-Artikolu 218 kif fuq gja accennat.

Rat, ghal fini ta’ piena, l-Artikolu 214, 215, 216 u 225 tal-Kap 9 u fil-waqt li ssib l-imputat hati talli nvolontarjament

ikkaguna ferita gravi a bazi tal-Artikolu 216 tal-Kap citat fuq il-persuna ta' Robert Hudson u rat l-fedina penali tieghu, qeghdha fic-cirkostanzi tikkundannah multa ta' Lm200 oltre li tordna l-konfiska tal-'air pistol' in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------